# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

## It-Tieni Sessjoni

## Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

## Il-Marki: 20 marka

## Il-Ħin: 30 minuta

## L-Ewwel Silta: Intervista fuq Radju Kellimni (10 marki)

**Taħriġ A** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**1.** Il-programm *Kelma Bejn Tnejn* jixxandar fl-erbgħa ta' waranofsinhar.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☑

**2.** Il-mistieden tal-programm hu Andrew Schembri.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**3.** L-astronawta li tkellem magħha l-mistieden hi Amerikana.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**4.** Minbarra fl-iskejjel, l-Għaqda torganizza laqgħat fil-Kunsilli Lokali.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**5.** Għall-attività tad-Dmugħ ta' San Lawrenz, mhux soltu li jmorru ħafna nies.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**6.** Dan il-programm tar-radju jagħti tagħrif.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**Taħriġ B** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta. L-ewwel waħda hija eżempju.**

**1.** Il-mistieden tal-programm tkellem fuq l-interess tiegħu

a) fil-baħar.

b) fil-bini.

ċ) **fl-ispazju**.

**2.** L-iktar ħaġa li għoġbot lill-astronawta

a) kienet li setgħet tara d-dinja mill-għoli.

b) kienet l-istilel.

ċ) kienet il-film *Star Wars*.

**3.** Il-membri tal-Għaqda jiltaqgħu biex josservaw il-kwiekeb

a) fl-għaxra ta' filgħodu.

b) tard billejl.

ċ) kull ħin tal-ġurnata.

**4.** L-attività li jmiss se ssir

a) fil-11 ta' Awwissu, l-Aħrax tal-Mellieħa.

b) fl-10 ta' Awwissu, fir-raħal Għawdxi ta' San Lawrenz.

ċ) fl-10 ta' Awwissu, l-Aħrax tal-Mellieħa.

**5.** Il-programm *Kelma Bejn Tnejn* jixxandar

a) kuljum.

b) darba fil-ġimgħa.

ċ) darba fi ħmistax.

**6.** L-espressjoni '***rajtu elf darba***' tfisser:

a) rajtu ftit drabi.

b) rajtu elf darba bl-eżatt.

ċ) rajtu ħafna drabi.

## It-Tieni Silta: Laqgħa bejn il-ħbieb (10 marki)

**Taħriġ A** *(5 marki)*

**Imla l-vojt b'kelma waħda, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

Greta u _____Mark_____ kienu ilhom madwar tnax-il sena ma jiltaqgħu ma' Kevin. Tant hu hekk li Kevin issuġġerixxa li jorganizzaw ____________________ bejniethom. Mark u Greta qed jistudjaw il-____________________. Kevin laħaq ____________________. Hu minn dejjem kien iħobb l-annimali. Biex jilħaq kellu jistudja ħafna. Huwa qed jaħdem fi ____________________. Barra minn hekk qed imur bħala ____________________ fis-santwarju tal-annimali. Hu jixtieq li anki Greta u Mark isibu ftit ħin biex jgħinu l-annimali!

**Taħriġ B** *(5 marki)*

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**1.** Greta, Mark u Kevin huma

a) ġirien.

b) <u>ħbieb</u>.

ċ) kollegi tax-xogħol.

**2.** Meta kienu żgħar, Kevin

a) kien joqgħod lura milli jagħmel xi praspura.

b) kien jibża' li jaqla' kastig jekk jagħmel xi praspura.

ċ) kien ikun minn tal-ewwel li jagħmel xi praspura.

**3.** Greta u Mark ikollhom il-kors

a) darba fil-ġimgħa.

b) darba fi ħmistax.

ċ) darbtejn f'ġimgħa.

**4.** Meta Kevin mar barra biex jistudja

a) kien iħossu komdu jiġri minn post għal ieħor.

b) sabha diffiċli għax ħass in-nuqqas tal-familja.

ċ) xtaq li mar xi mkien ieħor għax Londra m'għoġbitux.

**5.** Meta kien żgħir, Kevin

a) kien jistudja l-fotografija.

b) ma kienx iħobb jistudja ħafna.

ċ) kien jistudja ma' Greta u Mark.

**6.** L-espressjoni **'jkollna seba' mitt sena'** tfisser li:

a) nkunu xjaħna ħafna.

b) ma jkollna ħeġġa ta' xejn.

ċ) nkunu ħerqanin ħafna.

**Tmiem il-Karta**